MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-19 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 920/2009

**Charles Pace u Mosta Auto Dealers Company Limited**

**-vs-**

**Alfred Abdilla**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi l-attur akkwista l-fond u ċjoe' l-appartament numru tlieta (3) fi blokka bla numru u bla isem magħruf bħala Blokk ittra "G" numru wieħed (G1) fil-Qasam tal-Bini tal-Gvern fi Triq it-Trinċetta, il-Mosta permess tas-Subbasta [18/2006] li saret nhar il-Ħamis, (20) ta' Novembru 2008 fil-Qorti Ċivili, Malta.

Illi l-attur irid li jieħu fil-pussess tiegħu l-fond hawn fuq deskritt pero' jista' jkun li hemm xi terzi li qegħdin jgħixu fil-proprjeta' avolja tul il-proċess kollu tas-subasta li ilha li ġiet ppreżentata minn Jannar 2006, ma sar l-ebda rikors li juri li hemm persuni jabitaw jew li għandhom fil-pussess tagħhom dina l-proprjeta'.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti qiegħed jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tawtorizża r-ripreża tal-fond u jekk inhu l-każ tordna l-iżgumbrament f'terminu qasir u perentorju tal-intimati u / jew tat-terzi li qegħdin jokkupaw il-fond hawn fuq deskritt mingħajr titolu validu fil-liġi.

2. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa nġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jippreżenta risposta;

Semgħet lill-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' April 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Billi għalhekk it-talba attriċi hija ġustifikata;

**Tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, u għall-fini tal-ewwel talba tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**L-ispejjeż a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------